ĦARĠA NUMRU 5 - XITWA 2015

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI




05 Dar ġdida għas-sajjieda

09 Il-Ponsjetta wara l-Milied

13 Riċetti tal-imbuljuta u mili tal-qastan

# L-Editorjal

Għeżżież Qarrejja,

Propju bħal dan iż-żmien sena ħrigna l-ewwel edizzjoni ta' dan il-magazin informattiv illi ntlaqa' ferm tajjeb u minħabba f'hekk kellna nżidu l-pubblikazzjoni tiegħu.

L-istaġun tax-xitwa jinsab magħna, staġun illi fil-bidu tiegħu qegħdin niċċelebraw il-Milied u l-bidu ta' sena ġdida. Marbut ma' dan l-istaġun festiv għandkom issibu diversi artikli relatati fosthom ir-riċetta tal-imbuljuta, artiklu dwar id-dundjan, ikla wisq popolari għalina f'dan iż-żmien u artiklu ieħor dwar kif għandna nagħżlu u nieħdu ħsieb il-ponsjetta. Għall-ewwel darba żidna rokna oħra d-dedikata għat-tfal li magħjha hemm marbuta wkoll kompetizzjoni fejn wieħed jista jirbaħ rigal ġentilment mogħti lilna mill-Merlin Library.

Wara suċċess li ksibna s-sena l-oħra, nixtieq nistidinkom għall-Villaġġ tal-Milied, li ser issir fl-Għammieri b'risq l-Istrina aktar dettalji jinstabu f'paġna 22. Din l-attività qed tiġi organizzata mit-Taqsima Festi Rurali fi ħdan is-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

F'isem it-Taqsima Festi Rurali nixtieq nirringrazzja lilkom il-qarrejja kif ukoll lill-kontributuri li bis-saħħa tagħhom inkunu nistgħu nwasslu dan il-magazin mimli informazzjoni u kemm jista' jkun ikun jolqot lil kulħadd. Il-bibien tagħna jinsabu dejjem miftuħin biex nilqgħu suġġerimenti mingħandkom għal dak kollu li tixtiequ taqraw dwaru biex b'hekk nibqgħu ntejbu l-kontenut ta' "Nisġet Artna".

Minn qalbi nawgura lil kulħadd Milied Ħieni u Sena mimlija risq, paċi u saħħa.

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS


# NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Taqsima Festi Rurali

Ċentru ta' Riċerka u l-Iżvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
Il-Marsa. MRS 3303

Ritratt meħud minn Josef Agius
Il-Pitiross





Communications Coordinator - James J. Piscopo

Editriċi - Ramona Borg

Kontributuri:
Stefan Cachia, Dennis Sciberras, Arnold Sciberras, Jeffrey Sciberras, Lea Hogg, Christopher Bonnici, Claire Cauchi, John Baptist Cassar, Philip Aquilina, Alden Grima, Simone Galea, Joanne Darmanin, Mario Camilleri, Carmelo Briffa

Qari tal-provi - Christopher Bonnici

Disinn
MAD PROMOTIONS
MARKETING ADVERTISING DESIGN

Stampat
Five Star


# Werrej


3 Sena oħra ta' ħidma

4 Sebgħa Proġetti għas-sajd

5 Dar ġdida għas-sajjieda

6 Marketing Standards
Sit Eletroniku Ġdid

7 Kalendarju ta' ħidma

8 Id-Dundjan min dejjem kien marbut mall-ikla tal-Milied

9 Il-Ponsjetta - Mill-Milied sa San Stiefnu

10 Il-Falkunerija
Konsultazzjoni Pubblika

11 Razez ta' Fniek Maltin





12 Rokna għat-tfal

13 Riċetti

14 Il-Boll fuq il-Laħam ċertezza ta' kwalita'

15 Għajnuna għas-settur tal-Majjal
Imsewwija 650 annimal

16 Ġnien Botaniku għal konservazzjoni ta'pjanti lokali

18 Xogħol fix-Xitwa

20 Il-Kelb tal-Fenek

21 Konferenza nazzjonali fuq l-Animal Welfare

22 Għerf il-Poplu
Villaġġ tal-Milied




# SENA OĦRA TA' ĦIDMA



**RODERICK GALDES**
Segretarju Parlamentari
għall-Biedja, Sajd u Drittijiet
tal-Annimali

Għeżież,

Hija xi ħaġa naturali li meta toqrob it-tmiem tas-sena nħarsu lura lejn dawn l-aħħar tnax-il xahar u x'għamilna fihom. Kull sena tfakkarna wkoll illi ż-żmien ma jistenna lil ħadd u li dak li għandna nagħmlu, għandna nagħmluh u ma nipposponuhx għall-għada!

M'iniex se nuża dan l-ispazju sabiex ngħidilkom l-inizjattivi li għamilna din is-sena, anke għaliex dan se jkun illustrat b'mod sempliċi u mqassam xahar b'xahar fil-kalendarju ta' ħidma li ssibu f'paġna 7.

Kienu tnax-il xahar mimlija ħidma ma taqta' xejn, u għalkemm xi sfidi ma kinux faċli, xorta jkun hemm is-sodisfazzjon meta naraw ir-riżultat miksub. Aktar u aktar meta nqisu li dawn ir-riżultati qed jagħmlu tassew differenza fil-ħajja tal-bdiewa, is-sajjieda u kull min imiss mas-setturi tal-agrikoltura u s-sajd. Dan mingħajr ma neskludi x'sar fil-ħarsien tal-annimali, fejn din is-sena kellna l-aħbar pożittiva li ngħata l-permess għall-ewwel ċimiterju tal-annimali.

Din il-ħarġa timmarka wkoll l-ewwel sena mill-ewwel ħarġa ta' "Nisġet Artna" fi żmien il-festi tal-Milied li għadda. Kienet ħolma li nżommu aktar kuntatt flimkien, ħolma li mhux biss saret realtà iżda qed toffri wkoll artikli ta' kwalità għall-interess ta' kulħadd.

Ma rrid inżid xejn ħlief li nittama li ssibu din il-ħarġa interessanti, bħall-oħrajn kollha ta' qabilha, u nirringrazzja lill-kontributuri kollha li għamlu din il-ħarġa possibbli. Mhux faċli li fid-dinja mimlija impenji tal-lum, wieħed ipoġġi bilqiegħda u jikteb xi artiklu ta' interess sabiex jaqsmu magħna lkoll.

Nieħu din l-okkazjoni sabiex nawguralek il-Milied it-Tajjeb u sena mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbek.

Awguri!



# SEBA’ PROĠETTI

## GĦALL- QABŻA TA’ KWALITA FL-INFRASTRUTTURA TAS-SAJD




Sal-aħħar tas-sena se jkunu tlestew seba’ proġetti maġġuri fil-qasam tas-sajd, investiment ta’ 5.5 miljun ewro li se jiggarantixxi qabża ta’ kwalità fl-infrastruttura wżata mis-sajjieda.

Dan qalu s-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes waqt il-konferenza ‘Malta Ekonomija b’Saħħitha’ li saret fuq wieħed mill-proġetti, dak ta’ Tal-Veċċja f’San Pawl il-Baħar.

Galdes semma kif minn Ġunju ’l hawn, tlestew l-iskall ta’ Wied il-Għajn bi spiża ta’ 25,000 ewro, iż-żona ta’ ħatt f’Marsaxlokk b’470,000 ewro, u żona ta’ ħatt u titjib ieħor fil-port tal-Imġarr, Għawdex b’nefqa ta’ 100,000 ewro. Fl-aħħar ta’ Ottubru tlestew ix-xogħlijiet fuq l-iskall tax-Xemxija, proġett ta’ 26,000 ewro. B’referenza għax-xogħlijiet li żar f’Tal-Veċċja, San Pawl il-Baħar, hu qal li x-xogħlijiet inbdew fil-bidu ta’ Settembru u mistennija jkunu lesti sal-aħħar tas-sena. Is-Segretarju Parlamentari qal li l-bżonn ta’ dan il-proġett ta’ aktar minn miljun ewro kien ilu jinħass żmien peress illi l-moll Tal-Veċċja tħalla jitmermer wara snin twal ta’ telqa u abbandun.

B’kollox, dawn is-seba’ proġetti maġġuri li huma ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea, ifissru investiment ta’ madwar 5.5 miljun Ewro fl-infrastruttura tas-sajd.

Galdes temm jgħid li b’ekonomija b’saħħitha nistgħu ngħollu l-livell f’dawk l-aspetti li jolqtuna fil-ħajja ta’ kuljum, u l-istess qed isir fl-oqsma tal-biedja u s-sajd b’infrastruttura ġdida li se tassisti aktar lis-sajjieda fix-xogħol tagħhom, u tgħinhom jagħmlu l-qabża ta’ kwalità.








# TINFETAĦ IL-PIXKERIJA L-ĠDIDA

## DAR MODERNA GĦAS-SAJJIEDA









Il-Pixkerija l-ġdida tal-Marsa minn dan ix-xahar se tibda tilqa' lis-sajjieda wara li ġiet inawgurata nhar il-25 ta' Novembru 2015 mill-Prim Ministru Joseph Muscat, akkumpanjat mis-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, Roderick Galdes. Il-proġett tal-pixkerija l-ġdida li se tieħu post il-pixkerija l-ġdida sar b'investiment ta' madwar erba' miljun ewro u se tieħu post il-pixkerija l-antika tal-Belt.

Il-Prim Ministru qal illi din il-pixkerija se titħaddem fuq l-ogħla standards Ewropej b'sistema ġdida tal-informatika li se tħaffef u żżid l-effiċjenza tal-proċess.

Huwa ssokta jgħid illi l-post individwat għal din il-pixkerija mill-gvern preċedenti ma joffrix aċċess dirett għall-baħar, u għaldaqstant dan il-gvern kellu jindirizza din il-problema billi jibni faċilità ta' ħatt sabiex is-sajjieda jniżlu x-xogħol metri 'l bogħod mill-pixkerija nfisha.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes saħaq illi din mhix biss bidla fil-binja iżda wkoll fil-mentalita', fl-istandards u fl-operat. Sostna kif minn sistema antikwata li tmur lura għal qabel il-Gwerra, kien wasal iż-żmien li nadottaw sistema moderna u kompjuterizzata.

L-operat tal-pixkerija l-antika jmur lura saħansitra sas-snin tletin, jiġifieri qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Minn dak iż-żmien 'l hawn, kemm il-ħtiġijiet tas-sajjieda kif ukoll l-aspetattivi tal-konsumatur inbidlu, u għalhekk dan il-proġett ried jirrifletti din il-bidla.

Għal dan il-għan inbniet sistema ġdida tal-informatika li taqdi l-ħtiġijiet tagħna mingħajr ma tarmi t-tradizzjoni ta' kif topera l-pixkerija. Din is-sistema tal-informatika se tħaffef il-proċess u żżid l-effiċjenza, filwaqt illi l-kwalità u l-freskezza se jiġu ppremjati, u s-sajjieda, għall-ewwel darba se jkollhom is-serħan tal-moħħ ta' ħlas fil-pront.

Bis-sistema li qed tiġi addottata, il-ħut li jgħaddi mill-pixkerija se jkollu t-tikketti li jindikaw l-oriġini tal-qabda. Dan jgħin sabiex il-prodott tas-sajjied Malti se jkun jista' jingħaraf mill-konsumatur, u b'hekk tissokta tikber il-fiduċja tal-istess konsumatur fil-prodott tas-sajjieda Maltin u Għawdxin.

# LEJN AKTAR KWALITA': JIBDEW IL-'*MARKETING STANDARDS*'

John Baptist Cassar - Agrikolu Anzjan

Il-Gvern b'koordinazzjoni mal-kumitat u l-parteċipanti tas-Swieq tal-Bdiewa f'Ta' Qali u l-Birgu nieda sistema ta' traċċabilitita' u tikettar bħala l-ewwel passi lejn il-konformita' totali mar Regolamenti tal-U.E. fuq il-*Marketing Standards* għall-Frott u l-Ħaxix frisk.

Il-*Marketing Standards* għall-frott u l-ħaxix frisk inħolqu biex jiffaċilitaw il-kummerċ ibbażat fuq kompetizzjoni ġusta u biex il-kummerċjanti u l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.Il-*Marketing Standards* tal-UE għall-frott u l-ħxejjex friski huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 u mdaħħlin fl-Avviż Legali 109 tal-2015.

Il-*Marketing Standards* speċifiċi għal dawn il-prodotti jistabilixxu l-ħtiġijiet minimi ta' kwalità, l-kriterji ta' klassifikazzjoni u f'ċerti każijiet l preżentazzjoni. Dawn jeħtieġu tikketta b'informazzjoni ċara li tinkludi l-pajjiż ta' oriġini, flimkien mad-dettalji ta' min qed jippakkja jew ta' min qed jibgħat il-konsenja, jew inkella jintużaw il-kliem "Ippakkjat għal". Fuq it-tikketta għandu jkun hemm ukoll il-klassi tal-kwalità, u f'xi każijiet il-varjetà tal-prodott, id-daqs jew xi karatteristiċi oħra marbutin mal-prodott.

Taħt ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011, frott u ħaxix frisk mhux koperti mill-*Marketing Standards* speċifiċi, għandhom ikunu konformi mal-*Marketing Standards* Ġenerali.

Il-*Marketing Standards* Ġenerali huma definiti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)Nru543/2011. Għall-dawn il-prodotti hemm l-obligu li t-tikketta turi b'mod ċar l-oriġini tal-prodott kif ukoll l-isem u l-indirizz ta' min qed jippakkja jew jikkonsenja. Taħt il-*Marketing Standards* Ġenerali m'hemm l-ebda obligu li t-tikketta tinkludi l-klassi, d-daqs jew il-varjetà.

Skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 kull negozjant li joffri frott u ħaxix frisk għall-bejgħ huwa responsabbli biex jiżgura li l-prodott jissodisfa l-ħtiġiet minimi ta' kwalità, kif ukoll immarkati b'mod ċar bl-informazzjoni meħtieġa.




It-tikketti se juru l-oriġini, il-klassi tal-kwalita' u l-varjeta' fost karatteristiċi oħra

# SIT ELETTRONIKU ĠDID
# agriculture.gov.mt

Wara ħidma ta' diversi xhur, is-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali nieda sit elettroniku ġdid, agriculture.gov.mt




Is-sit jinkludi l-ħidma tad-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarjat, b'kull dipartiment ikollu paġna ddedikata għalih. Dan sar bil-għan illi l-informazzjoni partikolari titqassam aħjar.

Il-Koordinatur tal-Komunikazzjoni tas-Segretarjat, James J. Piscopo, qal illi bis-sit il-ġdid, is-Segretarjat qed jikkomunika b'mod aktar effiċjenti l-ħidma tiegħu.

"Filwaqt li se ssib aktar informazzjoni dettaljata dwar is-setturi tal-agrikoltura fil-paġni tad-dipartimenti rispettivi, ħsibna sabiex il-'Home Page' twassal l-aħħar aħbarijiet dwar dawn is-setturi. Agriculture.gov.mt se tibqa' kontinwament aġġornata b'mod awtomatiku grazzi wkoll għall-użu tal-medja socjali, 'Facebook' u 'Twitter'."

Minbarra l-użu tal-medja socjali, il-"homepage" tinkludi wkoll "links" għall-konsultazzjonijiet pubbliċi, stqarrijiet, sejħiet għal "tenders" u servizzi oħra offruti miċ-ċivil.

# Kalendarju ta' Ħidma 2015




## JANNAR

Titnieda r-raba' kampanja ta' tiswija bla ħlas għal annimali abbandunati.

## FRAR

Titnieda l-kampanja nazzjonali 'Eat Fresh Fish' b'valur ta' kwazi nofs miljun ewro, bl-għan prinċipali li jiżdied il-konsum ta' ħut li tiffoka fuq tliet aspetti: l-edukazzjoni, it-tisħiħ fl-għarfien u d-diversifikazzjoni fil-konsum.





## MARZU

Jinfetaħ santwarju ġdid tal-qtates fil-Kottonera mmexxi minn CSAF.

## APRIL

Tiddaħħal il-Garanzija Bankarja fil-Pitkalija biex il-ħlas tal-bidwi jkun garantit.

Jibdew konsultazzjonijiet pubbliċi dwar iż-żamma ta' annimali eżotiċi u dwar operazzjonijiet kirurġiċi fuq l-annimali.





## MEJJU

Jitwaqqaf l-ewwel Kunsill Konsultattiv għall-Agrikoltura b'kunsill ta' esperti li se jgħinu fit-tfassil tal-istrateġija nazzjonali tal-agrikoltura u l-implimentazzjoni tagħha.

## ĠUNJU

Eluf ta' familji jżuru l-Imnarja 2015, festa li s-Segretarjat Parlamentari reġa' qajjem fuq saqajha bil-għan illi tkun tassew vetrina tal-prodott Malti.





## LULJU

Imniedi l-ewwel ċentru ta' rijabilitazzjoni għal għasafar midruba fil-Buskett, proġett ta' introduzzjoni mill-ġdid tal-Barbagann f'Malta u proġett ta' konservazzjoni għall-ispeċi tal-ħut magħrufa bħala l-Bużaqq.

## AWWISSU

Inawgurata żona ta' ħatt ġdida f'Marsaxlokk, proġett ta' nofs miljun ewro. Aktar minn 300 sajjied Xlukkajr igawdi minn dan il-proġett.





## SETTEMBRU

Titwettaq wegħda oħra mill-Manifest Elettorali bit-tnedija tal-Fond tal-"Animal Welfare"; allokati 40,000 ewro b'risq l-NGOs u santwarji tal-annimali.

## OTTUBRU

Jiġi ċċelebrat għall-ewwel darba Jum l-Annimali permezz ta' attivita' nazzjonali fl-Għammieri;

Jibda jitqassam fl-iskejjel primarji l-ktieb dwar il-ħarsien tal-annimali
.





## NOVEMBRU

Għall-ewwel darba, Malta tospita l-konferenza internazzjonali tas-sajd, l-ICCAT. Titnieda l-ewwel kampanja ta' tiswija t'annimali f'Għawdex.

## DIĊEMBRU

Tibda topera l-pixkerija l-ġdida tal-Marsa wara li ġiet inawgurata mill-Prim Ministru Joseph Muscat u s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes.






# ID-DUNDJAN: MINN DEJJEM MARBUT MAL-IKLA TAL-MILIED

Philip Aquilina

Kif nafu lkoll, id-dundjan u l-Milied huma marbutin flimkien minħabba li huwa l-ikla tradizzjonali ta' din il-festa f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Sewwa li wieħed ikun jaf illi d-dundjan ma kienx meqjus hekk minn dejjem, minħabba li l-ikla tradizzjonali tal-Milied kienet il-wiżża. Minn meta d-dundjan ġie skopert u impurtat lejn l-Ewropa mill-Amerika ta' Fuq, minfejn joriġina u jgħix fis-selvaġġ, il-wiżża bdiet titlef il-popolarità u ħadilha postha d-dundjan. Hawn min jgħid illi d-dundjan huwa laħam xott, iżda nassigurakom li jekk wieħed isajru kif għandu jsajru fih laħam verament tajjeb, apparti li huwa bnin u bla xaħam.

Illum jeżistu ħafna razez u varjetajiet tad-dundjan domestiku. Hemm razez ornamentali, bl-aktar varjetà popolari tkun ta' lewn iswed, iżda hemm varjetajiet lewn il-bronż, ħomor, bojod u "palm" fost l-oħrajn. Jeżistu wkoll razez tas-simna, bl-irġiel ilaħħqu piż ta' għoxrin kilo`, u dawn ġeneralment ikunu ta' lewn abjad. Razez domestiċi oħrajn jilħqu l-ħmistax-il kilo`. Dawn ir-razez kollha oriġinaw mid-dundjan selvaġġ (Meleagris gallopavo) iżda dan jasal biss sa għaxar kilogrammi. In-nisa huma ħafna iżgħar mill-irgiel.

Kultant nisimgħu bid-dundjan Malti, iżda s'issa għadha qatt ma saret riċerka li tista' tipprova l-eżistenza ta' din ir-razza.

Id-dundjan raġel jiftaħ denbu bħall-paguni - għalkemm denbu huwa ħafna iżgħar – u dan biex jikkorteġġa lill-mara fi żmien in-namra. Barra minn hekk, għonqu jiħmar u jonfħu bl-arja biex jimpressjonaha. L-għajta tad-dundjan hija unika u tista' tissejjaħ anke komika.

Id-dundjani jbidu madwar 35 bajda, iżda jekk il-mara ma toqgħodx qroqqa tista' tbid anke sa 100 bajda jew aktar f'sena. Il-bajd ikun bajdani bit-tikek kannella u jkun jiżen bejn 80 u 100 gramma. Il-bajd jista' jitfaqqas f'inkubatur jew taħt id-dundjana stess meta toqgħod qroqqa. Jieħdu 28 ġurnata sabiex ifaqqsu. Meta jfaqqsu, id-dundjani jkunu daqsxejn dgħajfin u idealment ngħinhuhom billi nagħtuhom ftit bajd iebes imqatta' mal-ġwież imfarrak. Tkun idea tajba wkoll jekk wieħed jitfa' ftit flieles tat-tiġieġ magħhom sabiex jgħinuhom jaqbdu jieklu. Biex jilħqu l-piż mixtieq jieħdu bejn 14 u 20 ġimgħa.

Għalkemm il-festa tal-Milied, ġeneralment iġġibilna ħafna ferħ u għaqda, żgur illi ma nistgħux ngħidu l-istess għad-dundjan; għalih ikun wasal il-martirju!







# IL-PONSJETTA: MILL-MILIED SA SAN STIEFNU?

Claire Cauchi

Il-ponsjetta hija l-iktar pjanta popolari li ssib fid-djar tagħna fi żmien il-Milied. Iżda jekk wieħed joqgħod attent kif jagħżilha, jista' jibqa' jgawdiha għal żmien itwal minn żmien il-Milied biss.

**Kif għandek tagħżilha**

Dejjem għandek tagħżel l-iktar pjanta li tkun tidher b'saħħitha. Iċċekkja sew għal xi nsetti li jistgħu jkunu fuq in-naħa ta' taħt tal-werqa u evita li tagħżel pjanta li jkollha weraq bit-tikek jew b'weraq sofor. Importanti wkoll li fin-nofs tal-weraq il-ħomor issib weraq izgħar ta' kulur isfar. Jekk il-pjanta tkun imdawra bil-karti jew plastik, importanti li kif tasal id-dar tneħħihom, għaliex jekk jitħallew iżżejjed, il-weraq jisfar u jaqa'.

**Kif tieħu ħsiebha fix-xahar ta' Diċembru**

1. Poġġi l-ponsjetta f'kamra mdawla, izda tħallihiex taħt xemx diretta.
2. Evita li tkun f'post fejn ikun hemm xi tip ta' kurrent.
3. Qatt tħalli l-pjanta fejn jistgħu jilħquha t-tfal jew il-pets.
4. Dejjem saqqiha meta jkollha l-wiċċ niexef, iżda wara għaxar minuti neħħi l-ilma żejjed li jaqa' ġol-plattina.
5. Il-weraq ħomor idumu iktar jekk it-temperatura tibqa' ta' iktar minn 22 grad Celsius.

**Wara l-Milied**

Għalkemm hawn ħafna nies li jarmu l-ponsjetta hekk kif jgħaddi l-Milied, b'naqra dedikazzjoni din tista' terġa' tkabbarha għas-sena ta' wara. Hawn taħt se nsemmi pass, pass x'wieħed għandu jagħmel.

**Diċembru** – Il-fjura tkun fl-aqwa tagħha u għandek issaqqiha biss meta tħoss il-wiċċ tal-kompost niexef.

**Bejn Jannar u April** – Il-kulur tal-weraq il-ħomor jibda jiċċara.

**April** – Żommha fejn tieqa taħt ix-xemx u agħtiha l-fertilizzant hekk kif taraha li qed tarmi. Jekk ikun hemm bżonn tista' tibdlilha l-qasrija u kompli saqqiha b'mod normali hekk kif tħossha xotta.

**Ġunju** – F'dan iż-żmien tista' toħroġha barra f'post kenni, għad-dell.

**Fil-bidu ta' Settembru** – Daħħalha ġewwa u iżborha b'mod li tħallilha tlieta jew erbgħa werqiet ma' kull zokk. Dejjem ħalliha f'ħoġor ta' tieqa li tara x-xemx, u agħtiha kemm ikun hemm bżonn ilma u fertilizzant.

**Mill-aħħar ta' Settembru sa Diċembru** – Ħalliha fid-dawl bejn it-tmienja ta' filgħodu u l-ħamsa ta' filgħaxija, imbagħad daħħalha f'post mudlam għall-kumplament tal-ġurnata.

Dan il-metodu huwa l-iktar wieħed effiċjenti sabiex wieħed ikun jista' jgawdi l-ponsjetta f'daru s-sena kollha.

# KONSULTAZZJONI PUBBLIKA DWAR IL-FALKUNERIJA

Alden Grima

It-Taqsima tar-Regolamenti tal-għasafar Selvaġġi nediet serje ta' proposti għal Abbozz ta'Liġi dwar il-Falkunerija. Dawn il-proposti jinsabu għall-konsultazzjoni pubblika.

Il-falkunerija hija prattika tradizzjonali li ilha teżisti u li tmur lura sekli sħaħ. Hija tinkludi numru ta' attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mat-trobbija, taħriġ u titjiriet ta' għasafar tal-priża kif ukoll dwar dawk l-ispeċi kaċċabbli.

Fil-każ ta' Malta, id-Direttiva tal-Għasafar tal-Unjoni Ewropea hija trasferita f'liġi nazzjonali bis-saħħa tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (S.L. 504.71). Madankollu, fil-preżent m'hemm l-ebda provviżjonijiet speċifiċi u legali li jirregalaw l-attivitajiet varji tal-falkunerija tradizzjonali.

Fil-kummenti tiegħu dwar din l-inizjattiva għall-konsultazzjoni pubblika, is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal illi l-interess fl-arti tradizzjonali tal-falkunerija qed jikber, speċjalment fil-ġenerazzjoni iżgħar ta' falkuniera. Żied jgħid ukoll illi hemm ħafna organizzazzjonijiet volontarji u attivi li qed imexxu 'l quddiem l-arti li żżomm u ttajjar  għasafar tal-priża li huma mħarrġa.

Fi kliemu, "Dan is-settur għandu l-potenzjal li juri attivita` tradizzjonali, rurali u kulturali li tmur lura sekli sħaħ, waqt illi jkun ukoll qed jikkontribwixxi għal aktar tagħrif u apprezzament tal-għasafar tal-priża u fl-istess ħin għal azzjoni konkreta ħalli jiġu kkonservati l-għasafar tal-priża.  Issa huwa ż-żmien addattat sabiex din l-attivita` tiġi formalment rikonoxxuta fis-sistema legali tagħna, u tkun regolata  b'mod modern u sostenibbli.

Wara diskussjonijiet preċedenti li saru flimkien ma' għaqdiet volontarji lokali li jippromwovu l-falkunerija flimkien mal-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Falkunerija u l-Konservazzjoni tal-għasafar tal-priża, ħafna falkuniera u esperti oħrajn, it-Taqsima tar-Regolamenti tal-għasafar selvaġġi identifikat il-bżonn li tindirizza n-nuqqas ta' liġijiet li hemm dwar din l-attivita`.

Il-leġislazzjoni proposta qed timmira li tilħaq dawn l-għanijiet:
1. li tipprovdi qafas regolatorju addattat għall-prattika tal-falkunerija f'Malta;
2. li tassigura li l-prattika tal-falkunerija tkun regolata b'tali mod, illi min-naħa tippermetti l-attivitajiet varji tal-falkunerija, filwaqt illi min-naħa l-oħra tassigura li l-prattika tkun prattikata skont il-liġi nazzjonali, Ewropea u Internazzjonali dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, l-abbozzi ta' liġi se jkunu qed jipproponu definizzjoni legali tal-falkunerija u t-termini assoċjati magħha. Se jkunu qegħdin ukoll jipprovdu numru ta' kontrolli regolatorji u sistemi ta' liċenzjar għall-aspetti varji ta' din l-attivita`, jiddeskrivu l-irwol tal-awtorita` regolatorja kif ukoll dak tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-falkuniera, u jistipulaw il-kriterji, bħal meta, fejn u kif jistgħu jiġu prattikati l-attivitajiet varji li jirrigwardaw il-falkunerija.

It-Taqsima tar-Regolamenti tal-Għasafar Selvaġġi se tkun qed tilqa' suġġerimenti mill-"istakeholders" kollha. Huwa mistenni li l-abbozz finali tar-regolamenti jitressaq għall-konsiderazzjoni mill-gvern u jkun ippubblikat kmieni s-sena d-dieħla.

Kull mistoqsija dwar dan is-suġġett għandha tintbagħat lit-Taqsima tar-Regolamenti tal-Għasafar Selvaġġi permezz ta' imejl lil wildbirds@gov.mt.

IRRIKLAMA FUQ DAN IL-MAGAZIN

IKKUNTATTJANA FUQ
T: 2292 4110
E: nisgetartna.msdec@gov.mt
W: agriculture.gov.mt



# RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN


Fenek Selvaġġ


Fenek Malti


Fenek tax-Xiber

## RAZEZ TA' FNIEK MALTIN

Arnold u Jeffrey Sciberras

Il-fniek domestiċi huma dixxendenti mill-Fenek Ewropew Selvaġġ. L-isem propju, bil-Latin huwa "Oryctolagus cuniculus". Dan il-fenek, oriġinarjament huwa speċi selvaġġa li tinsab fi Spanja, il-Portugall, il-Marokk u l-Alġerija. Fi żmien ir-Rumani u l-Feniċi, dan il-fenek tqassam apposta fuq bosta gżejjer Mediterranji sabiex jintuża bħala sors ta` ikel, speċjalment għal dawk in-nies illi kienu jgħixu f'dawk il-gżejjer.

Matul il-medda tas-snin, il-fenek selvaġġ f'pajjiżna tqassam fuq it-tliet gżejjer prinċipali, jiġifieri Malta, Għawdex u Kemmuna, kif ukoll, minn dokumentazzjoni misjuba, tqassam ukoll fuq Kemmunett, il-gżejjer ta` San Pawl u Filfla. Madankollu, illlum m'għadux jinstab fuq dawn il-gżejjer iż-żgħar. Anke l-Libru, li bl-Ingliż jissejjaħ 'Hare', u l-isem xjentifiku bil-Latin huwa "Lepus europaeus", ġie dokumentat li xi darba nħeles fuq Filfla, iżda llum ma jinstabx hemm lanqas. Il-**Fenek Selvaġġ** li jinstab fil-gżejjer tagħna, ukoll ivarja u nbidel kemxejn morfoloġikament minn dak tal-pajjiżi l-oħra. Filwaqt illi f'Malta l-maġġoranza tal-fniek huma ta' lewn kanella (agouti), t'Għawdex issib madwar nofshom agouti u n-nofs l-ieħor ħomor, filwaqt illi fuq Kemmuna jinstabu kważi kollha ħomor. Ir-raġuni ta` din id-differenza hija wkoll minħabba l-mod kif ġew introdotti.

Hemm dokumentat li sa minn żmien il-Kavallieri, avolja kien projbit, il-fenek selvaġġ, kien jinżamm parzjalment fil-magħluq - semi-captive - u matul is-snin, bdiet tifforma linja oħra ta' fniek. Fi żminijiet iktar riċenti, il-fniek nisa ta' dawn it-tip kienu jinżammu fil-ġonna, bil-għan illi bil-lejl, il-fenek selvaġġ raġel jiġi jgħammarhom. Minn dawn is-sistemi u oħrajn ta' selezzjoni artifiċjali, ħarġet ir-razza magħżrufa bħala **Tax-Xiber**, li tfisser fenek ta' qies partikolari. Għal ħafna snin, din ir-razza kienet popolari u komuni, iżda meta bdiet it-trobbija fil-gaġeġ u l-introduzzjoni ta' fniek domestiċi barranin, dan il-fenek kważi sparixxa. Dwar dan il-fenek, fis-sena 1999 J. Gauci-Maistre saħaq illi d-differenza bejnu u bejn il-fenek selvaġġ hija l-fattizi tiegħu li huma inqas prominent. Dawn jinkludu l-għajnejn, il-widejn u l-imnieħer, u huma ħafna inqas grixti mis-selvaġġ. Wara tmien ġenerazzjonijiet ta' trobbija fil-magħluq, - Captive breeding - tal-fenek selvaġġ, din il-ġenerazzjoni tibda ssir tax-xiber.

**... sa minn żmien il-Kavallieri, avolja kien projbit, il-fenek selvaġġ, kien jinżamm parzjalment fil-magħluq.**

**Il-Fenek tal-Laħam ta' Malta** (Maltese Silver Rabbit) ġie żviluppat lokalment 'il fuq minn għoxrin sena ilu mis-Sur Gauci-Maistre għar-raġunijiet li kien hemm superstizzjonijiet fost il-konsumaturi dwar l-għajnejn ħomor tal-fniek misjuba fir-razez komuni bħal "New Zealand White" u "Californian" illi jintużaw għal-laħam. In-nies kienu jibżgħu mill-għajnejn ħomor. Dan wassal sabiex żdied l-interess fi żvilupp ta' razza ta' fenek bajdani fil-griż b'għajnejn kannella. L-istess superstizzjoni hija prevalenti fost il-konsumaturi Taljani, ħaġa li wasslet għall-ħajra sabiex din ir-razza titrabba barra minn xtutna wkoll. L-iżvilupp ta' din ir-razza ħadet bosta ġenerazzjonijiet sabiex tintlħaq il-mira; dik illi jkollna l-fenek abjad b'għajnejn kannella u bi kwalità ta' laħam tajjeb. Fl-2005, ħamsin fenek minn din ir-razza kienu attwalment fi produzzjoni. Bħalissa qegħdin jiġu studjati u deskritti wkoll minn wieħed mill-awturi u kollegi oħra.

Fenek ieħor li ġie żviluppat minn Gauci-Maistre fil-bidu tas-snin disgħin huwa l-**Fenek tal-Għallis** (Għallis Giant). L-iskop ta' din ir-razza kien li jipproduċi kwantità massiva ta' laħam aktar malajr minn fniek ta' razez ġganti barranin. Sfortunatament, il-programm tat-tkattir ta' din ir-razza ma tkompliex u hemm il-biża' li din ir-razza setgħet intilfet għal kollox.

Ħajr lil Felix Farrugia u lil Joe Gauci-Maistre mill-"Malta Rabbit Club" għal ħafna mill-informazzjoni li għaddew lill-awturi.

**Għal aktar informazzjoni nħeġġiġkom iżżuru https://www.facebook.com/Columbatopia.**

# ROKNA GĦAT-TFAL

Claire Cauchi

Kif intom għeżież tfal? Min jaf kemm qegħdin tistennew il-Festi tal-Milied u l-Vaganzi bil-ħeġġa! Bħal dan iż-żmien, ħafna tfal ikunu ħerqana ħafna jibdew jippreparaw l-affarijiet tal-Milied. Hawn taħt se ssibu żewġ affarijiet sempliċi li tistgħu tagħmlu fid-dar tagħkom. Jiġukom vera sbieħ u tkunu sodisfatti li għamiltuhom intom.

## IL-ĠULBIENA

Il-ġulbiena ilha għal ħafna snin titkabbar sabiex tintuża fil-presepji li narmaw fid-djar u postijiet oħra. Apparti li tintuża fil-presepju, nistgħu nużawha wkoll fi 'crafts' oħrajn, bħal ngħidu ahna d-daqna ta' Santa Klaws. Bħala pjanta tikber malajr ħafna, allura hija ideali sabiex nintroduċuha mat-tfal, anke ta' età zgħira.

**Kif tkabbar il-gulbiena? X'ghandek bzonn:**

Żerriegħa tal-ġulbiena - ilma - skutella - tajjar jew 'Tissue paper' - reċipjent ta' daqs medju - post ghad-dlam

**Il-Metodu**

Poġġi ż-żerriegħa tal-ġulbiena ġo skutella u ħalliha tixxarrab għal mill-inqas 24 siegħa. Wieħed għandu josserva li din tibda tintefaħ.






## SIĠRA TAL-MILIED ŻGĦIRA TAL-PRINJOL



Il-Prinjol faċli nsibuh meta mmorru ġo xi park mal-familja u nistgħu nużawh biex nagħmlu ħafna tipi ta' 'crafts'

**X'għandek bżonn:**

Prinjol - 'Acrylic paint' ahdar - Glitter - Kolla - Glu - Pot zgħir tat-terrakotta Stilla zgħira (magħmula minn kartonċin, injam jew buttuna)

**Il-Metodu:**

Izbogħ il-prinjola biz-zebgħa ħadra u ħalliha tinxef. Għaddi t-truf bil-glu u farfar il-'glitter' fuqha. Meta tinxef waħħalha bil-kolla ġol-pot tat-terrakotta. Minflok 'glitter' tista' tagħmel ukoll zebgħa bajda biex tagħtiha effett ta' borra. Fl-aħħar waħħal l-istilla mal-ponta tal-prinjola.




Tista' tkun kreattiv u tuża kuluri ta' żebgħa differenti, fosos, żibeġ, żigarella u ħafna affarijiet oħra.

## KOMPETIZZJONI

Irbaħ ktieb ġentilment mogħti lilkom mingħand "Merlin Library" billi twieġeb din il-mistoqsija.

**Il-ġulbiena apparti li tintuża biex iżżejjen, tintuża ukoll għal krafts. Għall-liema krafts qed nirreferu?**

Ibgħatu tweġibiet tagħkom flimkien ma' ismek u kunjom,data tat-twelid, inidrizz tad-dar, indirizz eletroniku u numru tat-telefon lill-**Kompetizzjoni Nisġet Artna, Taqisma Festi Rurali Ċentru ta' Riċerka u l-Iżvilupp L-Għammieri , Triq l-Ingiered Il-Marsa. MRS 3303.**

Id-data tal-għeluq sabiex nirċievu t-tweġibiet tagħkom hija t-8 ta' Jannar 2016. Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għal tfal mhux akbar minn 12-il sena.

# IL-QASTAN TAL-MILIED

Lea Hogg

Ma jistax jgħaddi l-istaġun festiv tal-Milied u s-sena l-ġdida mingħajr ma nużaw il-qastan, u kif nafu, aħna l-Maltin u żaqqna huma ħbieb sew, u għalhekk Milied mingħajr imbuljuta, ma jkunx l-istess.

Se nibbaża r-riċetta tiegħi fuq riċetta antika tal-familja Anton B. Dougall, imma minflokk zokkor nuza "Stevia" u qastan li ssibu ġo pakketti ssigillati, lest,imqaxxar u msajjar. Kemm tiftaħ il-pakkett, u tużah. Illum kulħadd irid jiffranka l-ħin.

## IMBULJUTA

**Għal IMBULJUTA għandek bzonn:**



- 400g qastan imsajjar
- L-ekwivalenti ta '175g ta' zokkor fi stevia
  (Iċċekkja t-tabella fuq vażett tiegħek għall-konverżjonijiet)
- 50gramma ċikkulata tax-xorb
- 50gramma ċikkulata skura mqatta 'f'biċċiet kbar
- qoxra maħkuka ta larinġa
- kwart ta' kuċċarina "mixed spice"
- Niskata trab tal msiemer tal qronfol
- kwart kuċċarina kannella
- Ftit qtar vanilla
- Bastun kanella

Poġġi l-ingredjenti kollha u nofs il-qastan ġo borma kbira. Żid 1-litru ilma u sajjar fuq sħana moderata. Ħawwad sakemm jibda jagħli.

Naqqas is-sħana u ħalliha ttektek għal madwar 20 minuta. Żid aktar ħlewwa jekk tixtieq. Żid il-bqija tal-qastan u saħħan għal ħames minuti. Jekk meħtieġ, żid aktar ilma jagħli. Neħħi mis-sħana u ħallih jiksaħ. Erġa saħħan qabel iservi.

## IL-MILI TAL-QASTAN GĦAL MAL-IKLA TAL-MILIED

Dan il-mili fih il-qastan u s-salvja u tista timla d dundjan jew tiġieġa bih jew isservih mal laħam li tkunu se sservu għal ikla tal-Milied. Għandek bżonn:







Ritratt: Felix Cesare

- 3 imgħaref żejt taż-żebbuġa
- 3 basliet imqattgħin fin u msajjar
- 8 biċċiet bacon, imsajjra u mqattgħin
- 350gramma qastan imsajjar
- 1 zalzett Malti, imsajjar u mqatta
- 2 bajdied imħabbta
- 1 kuċċarina butir, imdewweb
- kwart ta' kuċċarina salvja friska, mqattgħa
- 100gramma Frak tal-ħobż
- 100gramma ħafur
- 250gramma ġobon ta tursina, mqatta biċċiet kbar

Għal wiċċ teħtieġ qastan, cranberries u pistaċċi. Tista wkoll iżżomm xi ġobon u zalzett.

Poġġi l-frak tal-ħobż u ħafur fi skutella kbira u ħallat. Żid il-basal, salvja frisk, bacon, nofs il-zalzett u nofs il-ġobon.

Żid ż-żejt taż-żebbuġa, butir u l -bajd u ħawwad. Ħallat it-taħlita likwida ma taħlita tal-frakk tal-ħobż. Jekk ikun meħtieġ żid ilma sabiex iġġibu għal konsistenza lixxa. Fl-aħħarnett żid il-biċċiet tal-ġobon u ħawwad bil-mod. Ferra t -taħlita ġo landa tal-kejk springform 23cm ippreparata bl-isprej tal-ħami.

Żejjen il-wiċċ bil cranberries, il-bqija tal-ġobon, biċċiet ta' zalzett malti u qastan.

Aħmi għal 35 minuta ġo form tempartura170grad. Wara li jinħareġ minn ġol-forn, għandu jitħalla għal għaxar minuti qabel jisserva. Eżatt qabel isservi, żid ftit żejt taż-żebbuġa, lewż u pistaċċi inkaljati.

**Tista segwi lil Lea waqt Lifestyle&Co fuq TVM2 kull wara nofsinhar u fuq il-blog goodfoodeveryday.wordpress.com**




# IL-BOLL FUQ IL-LAĦAM ĊERTEZZA TA' KWALITÀ

Stefan Cachia

Kull konsumatur joqgħod attent x'jixtri, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' ikel,għaliex involuti fil-każ, ikun hemm: saħħtu u saħħet qrabatu. Huwa għalhekk illi r-regolamenti Ewropej u Maltin jistabbilixxu qafas ta' spezzjonijiet u sinjali sabiex jiggarantixxu l-kwalità tal-ikel mibjugħ. Dan is-sinjal, il-boll huwa ċ-ċertifikazzjoni ta' kwalità fis-settur tal-laħam mhux proċessat.

Kull biċċa laħam li titpoġġa fis-suq Ewropew mingħajr proċessar, jiġifieri tkun ħierġa minn biċċerija, għandu jkollha boll illi jiċċertifika li din tkun għaddiet minn diversi kontrolli sanitarji, inkluż dwar is-saħħa tal-annimal u li din il-biċċa laħam tkun inħadmet fi stabbiliment liċenzjat u kkonfermat li jaħdem skont ir-regoli Ewropej dwar it-traċċabilità u l-igjene fi stabbilimenti tal-ikel.

Fil-prattika, il-boll ifisser illi dik il-biċċa laħam tkun ġejja minn karkassa spezzjonata b'mod rigoruż għall-aħħar skont dawn l-istess regolamenti. Dan sabiex ikun żgurat illi l-laħam ġej minn annimal b'saħħtu, ħieles mill-mard, mediċinali u antibijotiċi, u li għadda minn proċess kif imiss u f'temperaturi adegwati.

Fil-biċċerija ta' Malta, il-kontrolli jsiru minn żewġ tobba veterinarji differenti appuntati mir-regolatur, u f'waqtiet differenti tal-proċess tal-qatla u t-tindif tal-karkassa. Barra minn hekk, il-proċess kollu tal-qatla tal-annimal u t-tindif tal-karkassa jsir taħt il-ħarsa ta' veterinarju ieħor appuntat mit-tmexxija tal-biċċerija.

Il-kontrolli jibdew hekk kif l-annimal jitwassal fil-biċċerija. Tabib veterinarju jispezzjona kull annimal, wieħed wieħed, hekk kif jasal. Dan biex ikun żgurat illi l-annimal huwa nadif, ħieles mill-mard u kien miżmum tajjeb. Permezz ta' sistema informatika li tgħaqqad l-irziezet kollha ta' Malta, ikun konfermat kemm l-appartenenza għar-razzett dikjarat kif ukoll fuq ir-razzett ta' oriġini ma kienx hemm mard u / jew kwistjonijiet oħra li minħabba fihom l-annimal ma għandux imur għall-konsum uman. L-annimal jinqatel wara li jiġi stordut, dan bil-għan li tkun salvagwardjata l-benesseri tiegħu, kif ukoll biex l-annimal innifsu ma jibżax u ma jirrilaxxax kimiċi li jistgħu jnaqqsu mill-kwalità tal-laħam b'dik il-biża'. Eventwalment, il-karkassa tiġi mnaddfa f'ambjent nadif u skont regoli ta' igjene Ewropej. Skont l-istess regoli, l-istabbiliment innifsu jsirulu testijiet perjodiċi biex ikun żgurat illi l-livell ta' ndafa hija stabbli.

Fl-aħħar tal-proċess ta' tindif tal-karkassa, tabib veterinarju ieħor jispezzjona kull karkassa bir-reqqa. Dan jinkludi spezzjoni viżiva tal-intern tal-annimal, tal-qalb, il-kliewi, il-fwied u partijiet oħra tal-ġisem. Jittieħdu wkoll kampjuni minn kull karkassa sabiex ikunu ttestjati f'laboratorji approvati mir-regolatur.

Wara l-ispezzjoni, il-karkassi jitqiegħdu fil-friża, fejn it-temperatura tal-laħam titniżżel għal inqas minn 7°C fil-każ tal-karkassa u 3°C fil-kaz tal-intern tajjeb għall-konsum uman. Minn hawn, il-karkassi jintbagħtu għal fuq trakkijiet illi jkollhom l-istess temperatura. Dan sabiex tkun żgurata l-kwalità u jkun minimizzat ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-laħam.

Jekk bħala parti mill-verifiki jinstabu sinjali ta' xi mard jew raġunijiet oħra, fosthom illi sal-mument li l-laħam jiġi biex iħalli l-biċċerija jitlef it-temperatura, u b'hekk ma jkunx jista' jmur għall-konsum uman, il-karkassa tiġi kkundannata.

Fl-2014, fil-biċċerija ta' Malta, ġew ikkundannati 672 karkassa għal raġunijiet differenti. Dawn kienu jinkludu 265 majjal, 216-il bovin, 141 nagħġa u 50 mogħża. F'Għawdex kienu kkundannati 32 karkassa li minnhom 30 kienu majjal.

Karkassi tajbin għall-konsum uman jiġu ttimbrati bil-boll bħala ċertifikazzjoni li l-laħam għadda mill-ispezzjonijiet neċessarji u nstab tajjeb.

# GĦAJNUNA GĦAS-SETTUR TAL-MAJJAL (TARGETED AID)





Il-projbizzjoni Russa fuq importazzjoni ta' prodotti agrikoli mill-Ewropa kellha effett negattiv fuq il-prodotti agrikoli kollha tal-Unjoni Ewropea. Dan irriżulta f'telf kbir għall-komunità agrikola. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea allokat 420 miljun ewro għal dawk l-Istati Membri li sofrew minn dan l-impatt u se tqassam il-fondi lil dawn l-istati skont l-impatt negattiv li kellha fuqhom il-projbizzjoni Russa.

Malta ħadmet ħafna biex tinnegozja mal-Kummissjoni Ewropea sabiex allokat l-ogħla baġit possibbli taħt dan il-fond. Dawn in-negozjati wasslu sabiex l-Unjoni Ewropea talloka 120,000 ewro għall-industrija tal-bhejjem Maltija, b'finanzjament adizzjonali ta' 120,000 ewro mill-Gvern Malti.

Il-Gvern Malti ddeċieda li jalloka dawn il-fondi lil dawk ir-raħħala li jrabbu l-majjal. Dan bil-għan illi jgħin lil dan is-settur f'mument diffiċli. Din l-għajnuna, li se titqassam b'għotjiet ta' flus, hija għotja ta' darba li se titqassam sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2016.

L-għajnuna se tingħata fuq kull majjal maqtul li jkun eliġibbli, jiġifieri dak il-majjal li ġie mrobbi għall-qatla. L-għotjiet se jkunu bbażati fuq in-numru ta' majjali maqtulin bejn il-5 ta' Jannar 2015 u l-25 ta' Settembru 2015. Il-majjal li ġie maqtul barra mill-kwota huwa meqjus bħala eliġibbli wkoll, iżda l-majjali (breeding stock) li ġew maqtula matula dan il-perjodu mhumiex eliġibbli għal din l-għajnuna.

Ir-raħħala interessati f'din l-għajnuna u li qatlu majjal eliġibbli waqt il-perjodu stabbilit kellhom l-opportunità li jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom fl-Uffiċċji tal-"Front Office" tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Ta' Qali, u fil-Farm Sperimentali fix-Xewkija, Għawdex bejn it-2 u l-20 ta' Novembru 2015.

Bħalissa għadejja l-ħidma għall-ipproċessar ta' dawn it-talbiet.

# IMSEWWIJA 650 ANNIMAL ABBANDUNAT F'ĠIMGĦATEJN

Aktar minn 650 kelb u qattus tat-triq ġew imsewwija waqt inizjattiva mifruxa fuq ġimagħtejn, u li tnediet mis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Din il-kampanja hija parti minn strategija tal-gvern sabiex tkun ikkontrollata dejjem aktar il-popolazzjoni ta' annimali abbandunati fit-toroq Maltin.

Għall-ewwel darba, parti minn din il-kampanja saret ukoll fil-gzira Għawdxija.

Fl-ewwel gimgħa tal-kampanja ssewwew 338 kelb u qattus f'Għawdex. L-operazzjonijiet saru fil-klinika "The Animal Doctor" illi tinsab fir-Rabat Ghawdex. Kull operazzjoni saret minn veterinarji miġjuba minn barra mill-pajjiż, grazzi għall-kollaborazzjoni tal-gvern mal-NGO Germaniza ETN. Wara din il-ġimgħa fil-gżira Għawdxija, dawn il-veterinarji ġew ukoll f'Malta, u ssewwew madwar 320 kelb u qattus fil-klinika 'Vet Plus' ta' Ħal Qormi.

B'hekk, meta wieħed jieħu t-total ta' din il-kampanja u jżidhom mal-erbgħa kampanji l-oħra li saru minn dan il-gvern f'din il-legislatura, in-numru ta' annimali abbandunati msewwija b'xejn jitilgħu għal 2,850. Dan sar mingħajr l-ebda spiża għall-gvern.



Ikkuntattjat minn dan il-magazin, is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes esprima s-sodisfazzjon tiegħu għas-suċċess ta' din il-ħames kampanja fl-aħħar sentejn u nofs. Semma kemm huwa diffiċli li wieħed jikkalkula kemm hawn annimali jiġru fit-toroq, iżda kien evidenti li din kienet problema li riedet tiġi indirizzata mill-aktar fis. Qal illi minbarra dawn il-kampanji li qed isiru b'mod regolari, is-Segretarjat għaddej b'kampanji ta' għarfien u inizjattivi edukattivi sabiex jonqos in-numru ta' dawk illi għal xi raġuni jew oħra jabbandunaw lill-annimali domestiċi fit-toroq.

Huwa rringrazzja lid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali, lill-volontiera, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u lill-ETN, illi mingħajr is-sehem tagħhom, dan is-suċċess ma kienx ikun possibbli.



# ĠNIEN BOTANIKU GĦAL KONSERVAZZJONI TA' PJANTI LOKALI

Simone Galea

Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima bena ġnien botaniku bħala parti minn proġettli ġie ko-finanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali(EAFRD). Il-proġett iffoka fuq il-konservazzjoni sostenibbli tar-riżorsi ġeneticċi tal-biodiversità agrikola u tal-ekosistemi tal-gżejjer Maltin. Dan seta' jsir bil-ħolqien ta' dan il-ġnien botaniku fejn qed jiġu kkonservati dawn l-ispeċi ta' pjanti.

Il-ġnien botaniku li jinsab fil-ġonna tal-Kmand f'Attard huwa l-akbar ġnien tat-tip tiegħu fil-gżejjer Maltin, u huwa l-uniku ġnien botaniku fejn qegħdin jiġu kkultivati varjetajiet ta' ħxejjex agrikoli lokali u l-pjanti selvaġġi li minnhom oriġinaw il-ħxejjex agrikoli. Minbarra dan, hemm diversi speċi ta' pjanti indiġeni u endemiċili ġew imħawlin skont l-abitat kif jeżcistu b'mod naturali fil-gżejjer Maltin. Dawn l-abitati huma l-Bosk, il-Makkja, ix-Xagħri u l-Isteppa. Sezzjoni oħra tal-ġnien hija ddedikata lis-siġar tal-widien u s-siġar tal-frott lokali. Eżempji ta' pjanti indiġeni li jinstabu f'dan il-ġnien huma Widnet il-Baħar li hija l-pjanta nazzjonali, is-Siġra tal-Għargħar li hija s-siġra nazzjonali, iż-żnuber u l-ballut li kollha jinstabu fil-Bosk il-Ħarrub, ir-rummien, it-tin, it-tut, iċ-ċawsli u n-naspli li huma siġar tal-frott u li xi wħud minnhom jinstabu fil-Makkjaġ filwaqt illi s-sagħtar, il-kappar u l-fejġel jinstabu fix-Xagħriġ il-bużċbież, is-silla, il-lellux, il-peprin jinstabu fl-Isteppaġ u ħafna speċi oħrajn li forsi mhumiex magħrufin daqshekk.

Diversi tipi ta' ħxejjex ġew studjati f'dan il-proġett sabiex jinstabu r-razez lokali tagħhom u b'hekk ikunu jistgħu jiġu protetti mir-riskju li jintilfu darba għal dejjem. Parti oħra mill-proġett kienet dwar l-għarfien tar-razez taċ-ċitru ta' Malta. ġew studjati diversi kampjuni ta' ċitru minn diversi ġonna antiki sabiex jiġu identifikati x'razez huma, biċ-ċans illi jinstabu razez antiki Maltin.
Iż-żewġ definizzjonijiet li ġejjin se jispjegaw iktar fid-detall il-kunċett tal-ġnien botaniku:

**Definizzjoni ta' varjeta` jew razza lokali**
Varjetajiet jew razez lokali huma dawk l-ispeċi, kemm ħxejjex ikkultvati, kif ukoll annimali domestiċi, illi b'mod morfoloġiku jistgħu jkunu uniċi għal dak il-pajjiż jew reġjun ġo pajjiż. Terminoloija oħra li tista' tikklassifika dawn il-varjetajiet jew razez lokali hija l-kelma 'Landrace'. 'Landrace' tirreferi għal dawk ir-razez jew varjetajiet tradizzjonali li huma ta' dak il-pajjiż jew reġjun fejn evolvew b'mod kulturali u ambjentali, fejn huma tassew addattaw għall-klima ta' pajjiżhom,imma xorta taħt il-gwida tal-bniedem. Dawn huma differenti minn razez puri kummerċjali li jikkonsistu minn ħxejjex jew annimali fejn ir-razza rari tvarja u tiddependi totalment mill-bniedem biex tgħix u titkattar.Il-Landraces huma distinti, imma varjabbli fil-popolazzjoni tagħhom u ma jiddependux minn sistemi intensivi biex jiġu mkattrin jew imrobbijin. Sfortunatament, it-tkattir u t-tkabbir ta' razez puri b'mod kummerċjali waslet għall-qerda ta' ħafna razez tradizzjonali minħabba kompetizzjoni qawwija bejniethom u minħabba fatturi oħra bħal mard introdott u tibdil fil-klima.



Ritratt: Guido Bonett



Faqqus il-Ħmir

**Definizzjoni tal-qraba selvaġġi tal-ħxejjex agrikoli**

Il-qraba selvaġġi tal-ħxejjex agrikoli, li bl-Ingliż jissejħu 'Crop Wild Relatives' jistgħu jiġu kkunsidrati bħala speċi ta' flora selvaġġa li f'termini ta' ġenetika, morfoloġija u tassonomija, huma tassew viċin tal-ħxejjex agrikoli simili tagħhom. Il-grad ta' relazzjoni jiddependi fuq l-ispeċi eżistenti, jiġifieri li għadhom jippersistu fis-selvaġġ u fuq bażi ta' kif dawn huma klassifikati tassononikament. Ġeneralment, fit-tassonomija, speċi li huma f'ġeneru komuni, probabbilment ikunu l-eqreb ta' xulxin, madankollu, il-klassifikazzjoni tiddependi ħafna fuq morfoloġija, u minn żmien aktar riċenti, fuq studji ġenetiċi.

Il-qraba selvaġġi tal-ħxejjex agrikoli jistgħu jkunu l-ispeċi antenati jew proġenituri tal-ħxejjex agrikoli li probabbli huma l-iktar kapaċi li jiddakru mal-ħxejjex agrikoli, jew speċi relatati mill-qrib, imma li mhumiex kapaċi jiddakru mal-ħxejjex. Eżempji lokali ta' speċi proġenituri huma l-qaqoċċ tax-xewk, li huwa l-antenat tal-qaqoċċ ikkultivat. Min-naħa l-oħra, eżcempju lokali ta' speċi qraba selvaġġi li mhumiex antenati huwa l-faqqus il-ħmir li jinstab fl-istess familja, imma mhux fl-istess ġeneru ta' diversi speċi ta' 'Cucurbits' bħal bettieħa, dulliegħa, qargħa ħamra, qargħa twila u qargħa bagħli.

**L-ambitu tal-kultivazzjoni tal-'Crop Wild Relatives' u 'Landraces' fil-ġnien botaniku**

L-iskop ewlieni ta' dan il-ġnien botaniku huwa li juri varjetajiet lokali tal-ħxejjex agrikoli flimkien mal-qraba selvaġġi tagħhom illi jeżistu b'mod naturali fil-gżejjer Maltin, u essenzjalment għal tliet raġunijiet prinċipali:

L-ewwelnett biex insalvaw u nikkonservaw dawn il-varjetajiet ta' ħxejjex antiki u lokali, l-użanzi u t-tradizzjonijiet marbutin magħhom ħalli ma jitħalliex li dawn jinqerdu darba għal dejjem.

It-tieni għan huwa għal skopijiet edukattivi għall-pubbliku ġenerali u għall-iskejjel, illi juru li l-ħxejjex agrikoli xi darba kienu pjanti selvaġġi, u li jedukaw lill-pubbliku dwar xi wħud mill-pjanti lokali li xi kultant huma kkunsidrati bħala ħaxix ħażin.

It-tielet, għall-istudji ġenetiċi fil-futur. Il-qraba selvaġġi tal-ħxejjex agrikoli huma riżorsa ġenetika li tista' tgħin biex varjetajiet tal-ħxejjex agrikoli jiġu mtejba sabiex jaddattaw għall-isfidi ġodda tal-futur, fosthom it-tibdil fil-klima. Dawn il-pjanti jistgħu jiffurmaw ukoll parti mid-dieta ta' kuljum bħala ikel għall-bnedmin u għalf għall-bhejjem, u fil-ġejjieni jistgħu jkunu wkoll sorsi ta' mediċini.

# XOGĦOL FIX-XITWA

Carmelo Briffa

L-aktar ħaġa li ilna nistennew wara xhur ta' sħana qawwija, tidlik u qtugħ ta' nifs, ix-xita waslet, naddfet it-toroq tagħna u saqqiet il-kampanja u r-raba' tagħna.  Kontra pajjiżi oħra fl-Ewropa ta' Fuq fejn it-temperaturi jinżlu taħt iz-zero, in-natura torqod għal kollox u l-agrikoltura tidħol ġo qoxritha, f'Malta din il-bidla mhix daqshekk drastika. Anzi, ix-xita tagħti l-ħajja lill-kampanja, kullimkien iħaddar, u x-xogħol agrikolu jaqbad ritmu mgħaġġel.

**Tisqija:** Jekk ix-xita taqbad sew u tagħmel bil-galbu ma għandniex insaqqu iżjed is-siġar, l-arbuxxelli u l-pjanti ornamentali mħawla barra. ħxejjex tal-borma mħawla fl-art, u xitel u pjanti mħawla fil-qsari għandhom jissaqqew anqas ta' spiss.  Għall-kakti u s-sukkulenti għandna nwaqqfu l-ilma għalkollox.  L-ilma daqskemm hu tajjeb hu ħażin!  Bħalissa, il-bżonnijiet idriċi tal-pjanti jonqsu minħabba l-kesħa, tnaqqis fl-attivita`, u l-umdita` għolja fl-arja.Ilma żejjed jista` joħloq problem ta' stagħdir u taħsir fl-għeruq.

**Frott:** Fix-xhur tax-xitwa, il-frott taċ-ċitru jkun fl-aqwa tiegħu. Fost il-frott wieħed jista' jsemmi l-larinġ ħelu, il-larinġ qares, il-mandolin, il-klementina, il-"grapefruit", il-lumiċell, it-tronġ, il-larinġ Ġappuniż (kumkwat) u z-zupparit (bakkaljaw). F'kull speċi ta' ċitru wieħed isib tipi u varjetajiet differenti. Hekk fost il-larinġ il-qares insemmu dak taż-żokra jew "navel oranges" u l-varjetajiet numerużi tiegħu bħan- "Newhall" illi jsajjar għal Novembru, in-"Naveline" li jsajjar għal Diċembru/Jannar, il-"Washington Navel" illi jilħaq għal Frar, u l-"Lane Lates" illi jibdew minn Marzu.  Fost il-ħafna larinġ lokali li wieħed isib fil-ġonna qodma tagħna nsemmu l-Larinġa l-Fina, dik tal-Portugall, il-Larinġ Twil u Twil tad-Demm, u l-Larinġ tad-Demm propju.

Il-larinġ ta' Malta kien u jibqa' fost l-itjeb larinġ fis-suq, u dan minħabba raġunijiet klimatiċi. Is-sajf twil u umdu jgħin sabiex il-frotta tikber u takkumula l-aċidu ċitriku, filwaqt illi l-ħarifa u x-xitwa mhux daqstant kiefra tippermetti li l-frott iżid fiz-zokkor. Iċ-ċitru, kontra ħafna frott ieħor ma jeħliex fuq il-mejda, imma fuq is-siġra, u minħabba f'hekk il-larinġa friska Maltija għandha dak il-palat uniku.

Frott ieħor tal-istaġun illi wieħed jista' jiġbor huwa dak tal-għadma, fosthom il-lewż ħelu, il-ġewż u l-pekan. Frott ieħor li wieħed jista' jixtri iżda li ma jsirx fi gżiritna huma l-qastan, il-ġellewż u l-pistaċċja.

**Xogħol bil-makkinarju:** Tajjeb illi noqogħdu attenti meta nużaw l-inġenji, speċjalment inġenji kbar u tqal fuq raba' li jkun xorob ħafna ilma tax-xita. Għandna nistennew xi ġranet qabel naħdmu l-ħamrija bil-għan illi ma noqorsuhiex. Ħamrija li tiċċaqlaq meta tkun mgħobbija bl-ilma tintgħaġen u titlef l-istruttura poruża tagħha. Konsegwenza ta' hekk tmut u ma tibqax għajn ta' ġid u saħħa għall-għeruq.

**Żabra:** Ix-xhur tax-xitwa huma x-xhur taż-żbir, għax f'dan l-istaġun, il-maġġoranza tas-siġar jorqdu jew jidħlu f'perjodu ta' mistrieħ. Nagħmlu ż-żabra għal erba' raġunijiet:
a) biex nikkontrollaw l-għoli jew il-firxa, nagħtu l-forma, nifthu għall-arja u nibbilanċjaw is-siġar tagħna;
b) biex innaqqsu n-numru ta' friegħi produttivi, u b'hekk niżguraw produzzjoni ta' frott ta' kwalità u kostanti minn sena għall-oħra, u arbuxxelli u pjanti aktar vigorużi li jagħtu fjuri u faxxina isbaħ;
c) biex inneħħu l-ibgħal (frieghi dritti u twal), frieghi morda jew nexfin, u frieghi mrikkbin;
d) biex inġeddu x-xuxa tas-siġra mill-ġdid billi niżmiċċaw 'il fuq mit-tilqima.

Mhux is-siġar ħorfija kollha jinżgħu mill-weraq fl-istess żmien, għalhekk wieħed irid jimxi ma' dak illi turih in-natura, u jiżbor l-ewwel dawk is-siġar u l-arbuxxelli li jorqdu l-ewwel. Siġar tal-ħalib jew li jnixxu, bħat-tin, ċawsli, tut u dwieli rridu niżguraw li raqdu għalkollox. Siġar, arbuxxelli u pjanti ornamentali li jħaddru s-sena kollha, bħalissa jnaqqsu sew l-attività fiżjoloġika tagħhom, u jistgħu jinħabru wkoll ħalli nippreparawhom għar-rebbiegħa. Iċ-ċitru jinżabar issa jekk irridu nġedduh, filwaqt illi żabra ta' produzzjoni ssir wara li l-frott jgħaqqad.





Is-severità taż-żabra titkejjel fuq jekk is-siġra nfexxitx fil-frott, u b'hekk titlob żabra meqjusa, jew intlietx bil-faxxina, u għalhekk għandha bżonn żabra qawwija. Kemm nagħmlu xogħolna tajjeb jiddependi wkoll fuq l-għodda li nħaddmu. L-għodda trid tkun miżmuma f'kundizzjoni tajba, nadifa u taqta' biex niżguraw li waqt xogħolna nbatu anqas u l-qatat ikunu lixxi u mhux imħarta.

Bħala għodda taż-żabra nsibu l-imqass taż-żabra, iż-żabbar (l-imqass tal-frieghi), is-serrieq, il-lupa, il-"hedgetrimmer", u l-mutur taż-żabra. Għall-professjonisti, dan l-aħħar daħlu fis-suq imqassijiet tal-id pnewmatiċi li jaħdmu bil-batterija li tintlibes wara d-dahar. Bl-eċċezzjoni tad-dwieli, il-ġrieħi mdaqqsa u kbar għandhom jinżebgħu bil-qatran sabiex ma nħallux l-injama tinxef u tkun bieb għat-taħsir.

Nisħaq dejjem li minn siġra għall-oħra għandna nużaw diżinfettant fuq l-għodda, bħal spirtu abjad, alkoħol industrijali jew bliċ (1%), ħalli ma nġorrux mard, speċjalment dak tal-batterja u l-"virus".

**Tilqim:** Issa li s-siġar raqdu, wieħed jista' jlaqqam bil-brokk jew bil-feles. B'dan il-metodu tista' tlaqqam kull tip ta' siġar u arbuxxelli, basta s-selvaġġ ikun minn m'eħxen ċentimetru sa ħames ċentimetri, u jinferaq permezz ta' għodda apposta. Fil-qasma għandna ndeffsu brokk jew tnejn tul ta' tmien ċentimetri meħudin minn siġar omm b'saħħithom u ħielsa mill-mard. Il-qasma teħtieħ tintrabat u l-fetħa tingħalaq bix-xema' jew bit-tafal. Is-sigriet għas-suċċess ta' dan il-metodu huwa li l-qoxra tal-brokk trid tmiss mal-qoxra taz-zokk.

**Tnissil:** Minn dawk is-siġar u arbuxxelli, bħax-xandri u l-ortensji, li joħorfu, wieħed jista' jnissel xitel ġdid bil-biċċiet. Oħrajn aktar qnieżaħ, bħal ġiżimin, jitnisslu bit-tirqid. Il-biċċiet iridu jkunu għamlu l-injama, jinqatgħu tul ta' 20 sa 30 ċentimetru, bil-qatgħa t'isfel tkun forma ta' zalzetta minn mal- għaksa. Il-biċċiet jiddefsu tul nofshom fil-ħamrija f'post kenni u umdu, jew ġol-qsari.

**Taħwil:** Dan iż-żmien tajjeb illi wieħed iħawwel siġar u arbuxxelli mixtrija bl-għeruq mikxufa. Qabel it-taħwil għandna nqassru l-għeruq it-twal, misluġa jew miksura, sa tliet piedi tas-siġra, u naraw illi fil-ħofra, l-għeruq ikunu mifruxa dawramejt. Siġar bħal dawn, bħalissa ssibhom għand il-"garden centres", jew jistgħu jinxtraw mill-Mixtla tal-Gvern f'San Vinċenż għall-bidu ta' Frar.

**Kontroll tal-Mard:** Jekk il-ġranet ikunu sħan u sbieħ tajjeb illi nbixxu l-larinġ kontra d-dubbiena tal-frott. Is-siġar tal-frott l-ieħor tajjeb illi nbixxuh bi prodotti li fihom ir-ramm. Dan għandna nagħmluh darba malli s-siġar jinġgħu mill-weraq jew wara ż-żabra, u darba għal Frar/Marzu qabel iraħħsu. Għandna nbixxu bir-ramm is-sigar illi jsofru ħsara minħabba xi burraxka silġ oħxon jew xi maltempata bir-riħ qawwi. Il-prodotti tar-ramm jintużaw waħidhom. Ta' min ukoll jagħti bexxa b'insettiċida sistemiku mħallat maż-żejt abjad, kontra miskta, bajd u nsetti mistoħbija. Kontroll tal-ħaxix ħażin għandu jsir billi nonqxu madwar siġar u xitel imħawwel barra jew fil-ħmiemel, muturi tat-tqasqis u tal-ħart, u b'erbiċidi ta' qabel it-taħwil jew erbiċidi silettivi. Għandna nieħdu ħsieb inbixxu kontra l-ġlata u t-taħsir tat-tadam u l-patata, il-ġlata tal-qaqoċċ, is-sadid tal-ful u l-piżelli, u kontra d-dud tal-farfett abjad fuq il-kromb. Irridu noqogħdu attenti wkoll għall-ħsara li jagħmel il-bebbux u l-għekierex lix-xitel fl-imxietel u fil-miftuħ.

**Xogħol ieħor fil-ġnien u fl-għalqa:** Għandna neħilsu malajr kemm jista' jkun iż-żrigħ tal-qamħ, felu, ġulbiena u ful ta' ġirba. Iżra' jew ħawwel,barra l-patata tar-rebbiegħa, basal, ful, piżelli, fażola, karrotti, bamja, frawli, ġidra, kaboċċi, pastard, ħass, krafes, tursin u indivja. Għal Frar tista' tiżra' l-ħaxix tal-borma kollu fil-ħmiemel jew tilari.

Fil-bidu tax-xitwa rridu nħawlu x-xitel kollu tal-fjuri li issa jkun laħaq, fosthom papoċċi, ġiżi, pepprin, petunji, verbena, qronfol, krisantemi u alissu. Naddaf mill-ħaxix il-qasmiet li fihom inkunu ħawwilna l-basal tal-fjuri. Iġbor it-tuberi tad-dalji u poġġihom f'post mudlam u xott.

Ofroq il-pjanti tal-qsari kollha li għandhom tuberi jew riżomi. Fost il-pjanti li nistgħu nkattru hemm il-felċi, it-tursin il-bir, l-aspidisti, is-sanseverja, l-asparagu, ir-ruskus (il-belladonna), iċ-ċikas, il-ħoja (tax-xema') u l-farfuġjum (galletti).



Ritratt: Gemstar Productions Malta

Dennis Sciberras

# IL-KELB TAL-FENEK




Il-Munita




Il-Bolla



Il-Munita proposta tal-Ewro Maltija

Ir-razza tal-Kelb tal-Fenek kif jixhed l-isem stess, hija razza ta' kelb li tintuża l-aktar għall-kaċċa tal-fenek. Din ir-razza hija waħda mfittxija ħafna minn bdiewa Maltin. Dan peress illi l-anatomija tal-Kelb tal-Fenek, kif inhu magħruf bl-Ingliż '*Pharoah Hound*' hija addattata u tikkumplimenta l-kampanja u l-għelieqi ta' Malta, illi huma magħmula minn ħafna raba' xagħri.

Hemm dibattitu dwar fejn eżattament oriġinat din ir-razza; dan peress illi xi wħud jgħidu li din ir-razza oriġinat f'Malta filwaqt illi xi wħud oħrajnj għidu li din ir-razza hija antika ferm, u ġejja minn żmien l-Eġizzjani.

Jekk wieħed iħares lejn il-pitturi u l-fuħħar impinġi li hemm fl-oqbra tal-Eġittu jkun jista'jirrikonoxxi s-similarità mal-Kelb tal-Fenek.Il-Kelb tal-Fenek huwa probabbilment waħda mill-eqdem razez ta' klieb domestiċi magħrufa mal-bniedem. Din ir-razza baqgħet prattikament l-istess matul iż-żminijiet.

Huwa maħsub illi din ir-razza daħlet f'pajjiżna meta Malta kienet kolonja tal-Feniċi,madwar 1,000 sena Qabel Kristu. Il-kummerċjanti Feniċi li kienu jbaħħru madwar il-Mediterran ħallew xi klieb ta' din ir-razza li kienu xtraw mill-Eġittu fil-gżejjer illi kienu jieqfu fihom. Dawk il-"*Pharoah Hounds*" illi tħallew f'Malta u Għawdex tkattru u huma l-Kelb tal-Fenek tal-lum.L-Ingliżi impurtaw l-ewwel klieb tar-razza "*Pharaoh Hound*"minn Malta u r-razza tagħha stabbiliet ruħha fl-Ingilterra fis-snin Sebgħin.

Madankollu,xorta għad hemm numru ta' nies illi jaħsbu li huwa possibbli li r-razza ġiet żviluppata eluf ta' snin ilu u kienet esportata mill-Eġittu.

Ġraw kif ġraw l-affarijiet, dak li hu żgur huwa li Malta ħadmet ħafna fl-iżvilupp u t-tkattir ta' din ir-razza minn meta dawn il-klieb niżlu għall-ewwel darba fuq ix-xtut tagħna, u l-bdiewa Maltin huma ġustament kburin b'dan.

Ta' min isemmi wkoll illi fl-1977 il-Bank Ċentrali ta' Malta għamel munita bħala simbolu tal-kultura u l-istorja ta' Malta. Il-valur nominali ta' din il-munita kien ta' Lira Maltija. Din il-munita kienet ukoll parti minn sett ta' muniti f'edizzjoni limitata li ħarġu biss sett ta' ,500 minnhom.

Fl-20 ta' Ottubru 2001,il-Posta Maltija ħarġet bolla bl-istampa tal-Kelb tal-Fenek. Din il-bolla ġiet iddisinjata minn Ludwig Flask (Malta) wara ġew ritratti meħuda mill-Ġermaniż Jan Scotland.

Meta Malta kienet waslet sabiex taddotta l-munita ewro,fl-1 ta'Jannar 2008,kien ġie propost biex l-Kelb tal-Fenek ikun fuq il-faċċata ta' wara tal-Ewro Maltija, madankollu l-għażla ma waqgħetx fuqu.

Hemm bosta razez oħra li jixbħu ħafna lill-Kelb tal-Fenek. Fosthom hemm il-"*Cirneco dell'Etna*" u l-"*Ibizan Hound*". Ir-razza "*Cirneco dell'Etna*"hija razza ta' daqs kemxejn iżgħar,filwaqt illi l-"*Ibizan Hounds*"huwa kelb aktar għoli u għandu iżjed abjad fih.

Wieħed jiddeskrivi l-Kelb tal-Fenek bħala kelb ta' statura mdaqqsa, eleganti, imma fl-istess ħin atletiku, li jagħti impressjoni ta' saħħa mingħajr guffaġni jew muskolatura eċċessiva. Dawn il-klieb iżommu widnejhom weqfin u l-kranju jkun ċatt b'waqfa żgħira u geddum ta' tul tajjeb. Għajnejhom huma ovali b'espressjoni intelliġenti, qawwija u ta' twissija. Il-kulur tal-għajnejn, preferibbilment ikun amber (jagħti fil-kannella).Meta jkunu ġriewi jitwieldu b'għajnejhom blu`u l-kulur tal-għajnejn jiskura maż-żmien.Għonq il-Kelb tal-Fenek huwa twil, immuskolat u kemxejn għat-tond. Id-denb irqiq u twil qisu frosta u joħroġ f'livell mad-dahar. Il-Kelb tal-Fenek huwa ġeneralmentta'kulur kannella ħamrani jew simili u ġieli jkollu xi ftit abjad fuq sidru(imsejħa l-istilla), fis-swaba'tas-saqajnu jkun imfittex iżjed jekk il-ponta ta' denbutkun bajda.Dawn il-klieb għandhom pil qasir u jleqq u għalhekk ma tantx għandhom bżonn jitqaxxru. Il-Kelb tal-Fenek għandu jkollu idealment piż ta' madwar -25 kilogramma u jgħixu bejn sa 14-il sena.L-għoli sal-ispalla għandu preferibbilment ikun ta' madwar 56Cm sa 63Cm (22 sa 25 pulzier) fil-każ tas-sess maskil,filwaqt illi l-klieb nisa jkunu daqsxejn inqas u jkunu madwar 53Cm sa 61Cm (21 sa 24 pulzier),dejjem mill-ispalla.

Nispiċċa billi nagħmel premura ħalli din ir-razza nibżgħu għaliha u nikkonservawha fl-oriġini tagħha. Dan peress illi dan l-aħħar,din ir-razza naqset mhux ftit fil-gżejjer Maltin filwaqt illi fil-kumplament tal-pajjiżi żdiedet il-popolarità tagħha.

# KONFERENZA NAZZJONALI DWAR L-ANIMAL WELFARE






Fil-bidu ta'Diċembru saret l-ewwel konferenza nazzjonali dwar il-ħarsien t'annimali li ġabet flimkien l- istakeholders kollha f'dan is-settur, fosthom ħaddiema tal-Animal Welfare, tal-Pulizija u l-Protezzjoni Ċivili, NGOs u studenti tal-MCAST fost l-oħrajn.

Din il-konferenza saret fi tmiem ta' ġimgħa ta' taħriġ speċjalizzat lill-uffiċċjali konċernati. Dan kien jinkludi taħriġ dwar handling ta' annimali perikolużi u rettili, handling ta' annimali taħt stress, l-ewwel għajnuna u after-care, u użu ta' tgħammir apposta u iġjene fost suġġetti oħra. Għal dan il-għan inġiebu żewġ esperti mir-Renju Unit.

Fid-diskors tal-ftuħ ta' din il-konferenza, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes elenka l-importanza ta' aktar taħriġ lill-uffiċċjali tal-ħarsien tal-annimali, li jiltaqgħu ma' diversi sitwazzjonijiet diffiċli ta' kuljum.

L-Onor Galdes żied jgħid li permezz ta' dan il-proġett (valur ta' 22,000 Ewro minn fondi Ewropej), se tiġi mnedija kampanja ta' informazzjoni fuq skala Nazzjonali fl-iskejjel u l-Kunsilli Lokali.

# VILLAĠĠ TAL-MILIED

It-Taqsima Festi Rurali fi ħdan is-segretarjat għall-Biedja Sajd u Drittijiet tal-Animali, ser terġa torganizza villaġġ ieħor tal-Milied fl-Għammieri, fejn is-sena l-oħra inġabret is-somma sabiħa ta' 4500 Ewro għall-Istrina.

Fost diversi attrazzjonijiet ser ikun hemm 'stands' bi prodotti ta' artiġjanat lokali kif ukoll bl-ikel,ħelu, rigali, ġugarelli, tizjin tal-Milied u diversi kotba bi prezzijiet ridotti. Kien hemm ukoll għall-biegħ prodotti magħmulin l-Għammieri u ser kif ukoll guided tours fejn wieħed seta jara u japprezza l-annimali u diversi prodotti imkabbra ġewwa l-Għammieri.

Waqt din il-ġurnata speċjali it-tfal ser ikollhom iċ-ċans jiktbu ittra lil Santa Klaws u kif ukoll jieħdu ritratti miegħu fid-'dar' tiegħu.

Grazzi lil l-sponsors kollha li permezz tagħhom stajna intellgħu din l-attivita'.



# GĦERF IL-POPLU

Christopher Bonnici

Naqra naqra, waslet il-ħarġa tal-Milied u qegħdin intemmu s-sena flimkien. Bħal kull festa oħra, f'pajjiż illi matul is-sena kollha nfittxu biex niċċelebraw, inħolqu bosta għajduti madwar dan iż-żmien, illi bħal bosta tradizzjonijiet oħra mhux bilfors jirriflettu l-festa li nkunu qegħdin niċċelebraw anzi ħadu tifsira lil hinn mill-festa nfisha.

**It-tifsira tal-kelma "Milied":**

Ħsibt illi qabel nagħti ħarsa lejn wieħed mill-qwiel marbut ma' dan iż-żmien, nispjega ftit l-isem "Milied" xi jfisser. Il-kelma "milied" hija nom verbali mimmat ("verbali" għax ġejja minn verb, "mimmat" għax tibda bil-konsonanti "m") li ġġejja mill-verb trilitteru bl-għerq "W-L-D". Huwa verb Semitiku, jiġifieri ġej mill-Għharbi, u trilitteru għaliex fl-għerq tiegħu fih tliet konsonanti. Mill-għerq nagħmlu l-mamma "wiled". Peress illi l-ewwel konsonanti hija "w", huwa verb dgħajjef u jissejjaħ assimilattiv jew xebbieħi miħabba li l-konsonanti dgħajfa hija l-ewwel waħda tal-għerq.

Għaliex niktbu l-isem "milied" b'ittra kapitali fiha tifsira wkoll. Għamilnieh nom proprju sabiex nuru li l-festa li qegħdin niċċlebraw mhix festa ta' twelid kwalunkwe, għax fil-lingwa tagħna, in-nom mimmat "milied" jista' jintuża għal kull twelid, madankollu, permezz tal-ittra kapitali, il-lingwa Maltija tpoġġi dik il-kelma b'referenza għat-twelid uniku ta' Sidna Gesu` Kristu. Fil-fatt, illum meta ngħidu l-kelma "Milied" nirreferu mhux għal kull twelid, imma b'mod awtomatiku, għal dik il-festa li nicċċelebraw fil-25 ta' Diċembru.

Ngħaddu issa għall-għajduti ta' din il-ħarġa:

**Meta l-Milied fuq il-bejt; l-Għid taħt il-bejt:**

Niskanta kif missirijietna kienu jħarsu lejn l-ikbar żewġ festi reliġjużi li niċċelebraw f'pajjizna u minkejja li totalment huma differenti fiċ-ċelebrazzjoni tagħhom, jaraw kif jgħaqqduhom flimkien. Nifhmu li hemm il-varjazzjoni wkoll "Meta l-Milied taħt il-bejt" l-Għid fuq il-bejt". Hu x'inhu, "taħt il-bejt" tirreferi għall-maltemp f'dik il-ġurnata ta' festa partikolari, filwaqt illi "fuq il-bejt" tfisser illi dik il-festa se ġġib magħha temp sabiħ. Għalhekk, mistenni li jekk fil-Milied ikun bnazzi, fl-Għid il-Kbir ikun mistenni l-maltemp, filwaqt illi jekk fil-Milied ikun maltemp, fl-Għid il-Kbir ikun mistenni l-bnazzi.

**Għamel mill-Milied sa San Stiefnu:**

Aktar milli qawl, din hija idjoma Maltija li turi żmien qasir. Dan minħabba li l-festa ta' San Stiefnu, meqjus bħala l-Ewwel Martri tal-Knisja, taħbat eżattament l-għada tal-Milied, is-26 ta' Diċembru, għall-Inglizi "Boxing Day". Il-kurzità hija kif dan l-għajdut ma ntrabatx biss ma' dawn iż-żminijiet ta' festi, imma għas-sena kollha, biex jirreferi għal xi ħaġa li tintemm malajr, inkella għal xi ħadd li ma jsaddad imkien.

Insomma, ħallina minn dawn l-irqaqat lingwistiċi, folkloristici u kulturali, u filwaqt illi nawgura li jkollna temp tajjeb f'dawn il-festi kif ukoll fl-Għid il-Kbir ħalli nkunu nistgħu ngawduhom, nawgura l-Milied Ħieni likom il-qarrejja u lill-għeżież kollha, u jalla nkomplu niltaqgħu flimkien fil-ħarġiet illi jmiss matul is-sena l-ġdida. Jalla l-2016 iġġib ħafna ferħ, saħħa, barka u paċi lill-proxxmu kollu!



IN AID OF
l-istrina
b'solidarjetà
CHRISTMAS VILLAGE
at Għammieri
20 December 2015
10:00am - 5:00pm
LUNA PARK
FARM TOURS & ANIMALS
TRADITIONAL CHRISTMAS DELICACIES
LETTER TO SANTA
MEET SANTA & HIS ELVES
LIVE ENTERTAINMENT
VARIOUS PRIZES TO BE WON
FREE PARKING
RFU
RURAL FESTIVITIES UNIT
PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

